Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL- ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.33 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Disa' u Erbgħin laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li fuq *l-overgrown trees* l –avukata tal-Kunsill infurmatna li ma jidhirx li hemm liġi li tirregola dan l-ostaklu li qed ikunu ta' xkiel meta' individwu ikun għaddej minn fuq il-bankina sakemm il-Kunsill ma' għandux xi Bye-Law li tirregola dan.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jerġa jikteb lis-Supretendent tal-Pulizija biex jara jistax isir infurzar meta jkun qed isir ostaklu fuq il-bankina.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fir-rigward tas-saħħa u s-sigurta għar-residenti meta jgħaddu minn quddiem Kola Store li qed jiffaċċaw sitwazzjoni ta' ostaklu minħabba karozzi pparkjati fuq il-bankina.

Is-Sindku infurma li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jaraw x'jista jsir u fl-istess waqt huwa kellu laqgħa mas-Supretendent tal-għassa u l-ispettur u ddiskutew din il-problema.

Is-Sindku John Zammit Montebello talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex ninfurmaw lill-Health and Safety officer inkarigat mill-Kunsill biex jieħu azzjoni għar-raġuni li filgħaxija xi nies qed jipparkjaw biswit il-

barriers li hemm quddiem il-proġett u qed jimblukkaw l-aċċess għal Triq Guze Bonnici f’kaz li jkun hemm bzonn ta’ ambulanza biex tidħol hemm.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4432**: Talba mingħand is-Sur Saviour Deguara biex il-Kunsill jgħin lill-Għaqdiet fi żmien il-milied.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li kellem lis-Sur Deguara biex meta jkun hemm xi attivita’, javzawh qabel biex ikun jista’ jippublika fuq in-newsletter.

Is-Sindku qal li kien talab lill-Għaqdiet biex jibagħtu lill-Kunsill almanakk tal-attivitajiet matul is-sena. Barra minn hekk il-kunsill mhuwiex f’pozizzjoni finanzjaraja li jgħin f’dan ir-rigward għar-raġuni li l-flus allokati għal kultura mill-bagit intefqu kollha din is-sena.

**Ittra Nru. 4434**: email mingħand is-Sinjura Teresa Camilleri fejn qalet li l-Kunsill mhux qed jieħu azzjoni biex jara li jsir infurzar fuq ftuħ ta’ ufficċju mingħajr permessi meħtieġa tal-MEPA.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat jinfurmaha li l-Kunsill kien formalment issottometta l-oġġezzjoni tiegħu mal-MEPA, kif ukoll kull tip ta’ infurzar irid ssir minn Uffiċċjali tal-MEPA u mhux il-Kunsill.

**Ittra Nru 4436**: Petizzjoni minn xi residenti li joqgħodu fl-inħawi ta’ fejn is- Sala Aurora fi Triq il-Kbira fejn qed jitolbu lill-Kunsill isolvi problema li skont huma kull meta tagħmel ix-xita peress li t-triq maqluba, meta jgħaddu l-karozzi itajru l-ilma għal mal-bibien tagħhom.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex ikellem lill-perit tal-Kunsill u jħejji rapport fuq din il-problema għal kunsiderazzjoni.

**Ittra Nru 4437**: Ittra mingħand il-MEPA fir-rigward tal-approvazzjoni għal ħruġ ta’ permess mill-Bord, PA 00279/14- Kostruzzjoni ta’ bankina fi Triq Mons FX Zahra fejn il-Kunsill għandu 30 ġurnata biex jappella minn din id-deċizjoni.

Il-Kunsill iħoss li l-Bord tal-MEPA ma tahx widen għas-sejħa tal-Kunsill u għalhekk b’mod unanimu talab lis-Segretarju Ezekuttiv ikellem lill-avukata tal-Kunsill biex informalment isir dan l-appell fuq din id-deċizjoni.

**Ittra Nru 4438**: Ittra mingħand is-Sur Sam Agius fuq parkeġġ illegali fi Triq il-Kbira kantuniera ma’ Triq San Valentin.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li bħala Kunsill konna ħadna l-mizuri neċessarji biex nevitaw kull tip ta’ inċident li jista’ jinqala’ u sadanittant tlabna lill-gwardjani lokali biex kemm jista’ jkun meta jagħmlu r-ronda jgħaddu min dawk l-inħawi u jinfurzaw jekk hemm bzonn.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

**4 L-Uffiċċju tal-Kunsill-Sitwazzjoni**

Is-Sindku beda biex qal li kif kulħadd jaf f’Diċmbru tal-2012 konna ġejna nfurmati mill-Awtorita’ tad-Djar biex il-Kunsill isib post alternattiv u joħroġ mill-fond prezenti fi żmien sitt xhur. Fortunatament għaddew sentejn minn dakinhar pero’ s-sitwazzjoni ma tistax tibqa’ kif inhi.

Kemm il-darba għaddiet korrispondenza mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-Joint Office fejn ‘l fuq minn għaxar snin ilu, il-kunsill kien talab għal biċċa art li tinsab f’Wesgħa Profs Guze Aquilina tiġi devoluta lilna biex jinbena ċentru ċiviku bis-sehem tal-privat. Din it-talba kienet ġiet miċhuda f’ Diċembru tal-2012 ukoll.

L-unika soluzzjoni għall-Kunsill kien li jfittex post għal kiri mill-privat, għax art oħra tal-gvern ma hawnx ġewwa Ħal Balzan. Sadanittant erġajna bħala Kunsill ktibna lill-Joint Office biex jerġa’ jikkunsidra t-talba tagħna. Għal darb’oħra bqajna mingħajr risposta jew lanqas biss ġiet indirizzata għax acknowledgement ma rċivejniex.

Din is-sitwazzjoni trid tissolva mill-aktar fis possibbli u għalhekk huwa kien qed iressaq rizoluzzjoni quddiem il-Kunsill biex tinħareġ sejħa ta’ offerti għal post alternattiv mill-Kunsill u fl-istess waqt nitolbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex skont l-Artiklu 62 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali jintervjeni u jitlob lill-Ministru tal-Finanzi japprova vot supplimentari għad-dispozizzjoni tal-Kunsill biex ikun jista’ jkopri parti mill-ispejjez għal kiri ta’ dan l-uffiċċju.

Il-Kunsill b’mod unanimu approva din ir-rizoluzzjoni u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jibda l-proċess għal ħruġ ta’ Tender.

**5. Rapport Finanzjarju minn Lulju sa Settembru 2014.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2014 (mehmuż).

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2014 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**6. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello elenka l-prijoritajiet li għandu dan il-Kunsill sa’ l-aħħar ta’ din il-leġislatura li huma r-rikostruzzjoni ta’ Triq Guze Bonnici, CCTV cameras fi Ġnien A. Stellini u madwar il-Bring In sites kif ukoll street lighting ġdid b’fondi ġejjin mill-UIF.

Fuq is-suġġett ta’ street lighting, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekutiiv ltaqgħu mal-kuntrattur li ser jinstalla dan id-dawl.

Bil-fondi allokati mill-UIF li jammontaw għal € 93,952.31 ser inkunu nistgħu inlestu Phase 1 u Phase 2 tal-proġett u fiha ser jiġu installati 93 lampa skont kif approvat. Pero’ ikun għad jonqos (Phase 3) li jiġu installati mat-43 lampa oħra biex inkopru l-proġett kollu li l-Kunsill jixtieq jagħmel biex ikun jista’ jsebbaħ permezz ta’ dan id-dawl il-*village core* kollu tar-raħal u biex isir dan irridu bħala Kunsill noħorgu l-kumplament tal-ispejjez li jammontaw għal madwar € 49,000.

Il-kuntrattur waqt din il-laqgħa ppropona li kif hemm stipulat fit-tender huwa kien lest li jekk il-Kunsill jaċċetta, il-lampi jiġu installati kollha u d-differenza fil-pagament jinqasam fuq sentejn bl-istess prezz attwali kif jidher fit-Tender.

Is-Sindku qal li l-fondi tal-UIF ma jkunux jistgħu jitħallsu lura mill-ewwel jekk il-proġett ma jkunx lest skont kif approvat mill-Bord li jkopri Phase 1 u Phase 2

Għalhekk fl-isfond ta’ dan huwa kien qed jipproponi li Phase 1 u Phase 2 jitħallsu mill- UIF. Phase 3 titħallas mill-fondi li jinġemgħu fil-fond tal-UIF u fis-sentejn li ġejjin kull applikazzjoni tindirizza t-twettiq ta’ dan il-proġett sakemm jitħallas kollu. Jekk xorta jkun hemm xi pagamenti pendenti għaliex il-fondi tal-UIF ma jkunux koprew l-ispejjez kollha, il-Kunsill qed jintrabat li jħallas id-differenza mill-allokazzjoni tiegħu.

Il-proponiment ġie ssekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-Kunsill vvota b’mod unanimu favur dan il-proponiment

## 7 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-14 ta’ Novembru 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 7,578.13

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq talba ta’ resident li joqgħod 84, Main Street biex titbaxxa l-bankina ta’ quddiem d-dar tiegħu.

Il-Viċi Sindku flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill ser jaraw x’jista’ jsir.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq suġġeriment tal-istess sid biex Triq Guze Bonnici bejn is-7am u 5pm, fit-triq ikunu jistgħu jipparkjaw fuq naħa waħda.

Din it-talba ma ntlaqghetx

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa kif bqajna fuq l-attivita’ tal-Community Chest Fund f’Diċembru.

Il-Kunsill ser jara li jekk hemm fondi bizzejjed tittella attivita’ għal din l-okkazjoni u l-għotjiet li jinġabru jmorru għal Community Chest Fund.

Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li jikteb lill-ambaxxiatrici amerikana biex taċċetta stedina tal-Kunsill biex izzur il-lokalita’ u tiddawwar mal-heritage trail tal-proġett ERDF 205.

Il-Kunsillier Guido Borg ta xi dettalji tal-ħarġa li għamel għall-anzjani

Il-Kunsillier Stephen Gatt ppropona li ssir sign ħdejn l-ispizerija f’main street fejn tindika minn fejn tgħaddi għal San Anton.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta,2 ta' Diċembru 2014 fid-9.00am.

**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data